MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 5/2010

**Charles Mercieca**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Charles Mercieca fit-2 ta' Marzu 2010 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal, in bazi ghar-ragunijiet esposti fir-Rikors, jirrevoka d-decizjoni mehuda mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema ma laqghetx it-talba tieghu ghar-registrazzjoni ghall-uzu f'Malta tal-*mini bus* uzat minnu akkwistat u importat Malta u li taghtih in-Numru ta' Registrazzjoni HMY-279, minghajr il-htiega ta' hlas ta' *first registration*;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent fil-konfront

taghha huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) ma ghandha ebda diskrezzjoni amministrattiva f'kwistjoni bhal din u ghalhekk hija marbuta li tapplika l-Ligi b'mod ugwali u bla ebda diskriminazzjoni jew distinzjoni; u (iii) it-trapass ta' zmien bejn meta r-Rikorrent importa l-vettura wzata akkwistata minnu sa' meta tnehha l-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Alfred Pisani v. George Mangion et" bin-Numru 808/05, ma huwiex attribwibbli lilha u ma ghandha ebda htija jew responsabbiltà dwar dan;

Sema' ix-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011[1] u ra d-dokumenti minnu esebiti u lkoll flimkien imarkati Dok. "CM1" a fol. 14 sa' 20 tal-process, sema' ix-xhieda ta' George Mangion moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011[2], ix-xhieda ta' Vince Micallef Pulè moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Mejju 2011[3] u tas-6 ta' Dicembru 2011[4] u ra d-dokumenti esebiti minn Vince Micallef Pulè u markati Dok. "VMP1" a fol. 27 tal-process u Dok. "VMP2" a fol. 35 sa' 36 tal-process, sema' ix-xhieda ta' Lino Abela u ta' Brian Farrugia moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011[5];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jattakka d-decizjoni mehuda mill-Awtorità intimata li ma tawtorizzax ir-registrazzjoni tal-*mini bus* uzat minnu akkwistat u importat Malta stante li ma huwiex konformi mar-regolamenti vigenti dwar l-ispecifikazzjonijiet ta' vetturi wzati intizi ghall-garr ta' passiggieri, u senjatament li gie manifatturat iktar minn hames snin qabel id-data ta' l-ewwel applikazzjoni ghall-licenza ta' vettura ghall-garr ta' passiggieri f'Malta[6], bil-konsegwenza li ma nghatax

[1] Fol. 21 sa' 24 tal-process.
[2] Fol. 25 tal-process.
[3] Fol. 28 sa' 29 tal-process.
[4] Fol. 37 sa' 38 tal-process.
[5] Fol. 30 sa' 31 tal-process u fol. 32 tal-process.
[6] Regolament 28(2)(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56.

licenza ghall-uzu tal-vettura ghall-garr ta' passiggieri. Ghal diversi ragunijiet esposti fir-Rikors promotur ir-Rikorrent jitlob li din id-decizjoni ta' l-Awtorità tigi revokata izda, l-Awtorità intimata topponi ghal din it-talba u titlob li l-istess tigi michuda, stante li dak allegat mir-Rikorrent huwa ghal kollox infondat peress illi hija hadet id-decizjoni li kienet marbuta li tiehu skond il-ligi u kwalunkwe trapass ta' zmien li seta' ippregudika lir-Rikorrent mhux attribwibbli lilha.

Jibda biex jigi osservat illi l-iskop ta’ proceduri ghar-revizjoni ta’ atti amministrattivi huwa li jigi kkundsidrat u determinat jekk l-att amministrattiv kontestat huwiex legali, fis-sens li l-awtorità pubblika koncernata tkun agixxiet entro l-parametri tal-Ligi u l-ezercizzju tal-poteri u konsegwenti qadi tad-doveri taghha fil-konfront tac-cittadin privat jkun sehh in Konformità mal-principji tar-*rule of law* u tal-gustizzja naturali: *the system of judicial review is radically different from the system of appeals. When hearing an appeal the court is concerned with the merits of a decision: is it correct? When subjecting some administrative act or order to judicial review, the court is concerned with its legality: is it within the limits of the powers granted? On appeal the question is “right or wrong?” On review the question is “lawful or unlawful?”… Judicial review is thus a fundamental mechanism for keeping public authorities within due bounds and for upholding the rule of law. Instead of substituting its own decision for that of some other body, as happens when on appeal, the court on review is concerned only with the question whether the act or order under attack should be allowed to stand or not. … Judicial control, therefore, primarily means review, and is based on a fundamental principle, inherent throughout the legal system, that powers can be validly exercised only within their true limits. The doctrines by which those limits are ascertained and enforced form the very marrow of administrative law. But there are many situations in which the courts interpret Acts of Parliament as authorising only action which is reasonable or which has some particular purpose, so that its merits determine its legality. Sometimes the Act itself will expressly limit the power in this way, but even if it*

*does not it is common for the court to infer that some limitation is intended. The judges have been deeply drawn into this area, so that their own opinion of the reasonableness or motive of some government action may be the factor which determines whether or not it is to be condemned on judicial review. … It is a cardinal axiom that every power has legal limits. If the court finds that the power has been exercised oppressively, or if there has been some procedural failing, such as not allowing a person affected to put forward his case, the act may be condemned as unlawful*[7]*.*

Minn dan isegwi ghalhekk illi dak li qieghed taht skrutinju fi proceduri ghar-revizjoni ta' atti amministrattivi huwa l-operat ta' l-awtorità pubblika u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jillimita ruhu li jikkonsidra biss il-pregudizzju li c-cittadin privat jikkontendi li sofra, qed isofri jew jista' jsofri minhabba l-att amministrattiv kontestat, izda necessarjament ghandu jara jekk, minkejja c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dak l-att amministrattiv huwiex legali jew le u dana fis-sens iktar 'l fuq spiegat, u jekk jirrizulta li huwa legali u konformi mal-principji tar-*rule of law* u tal-gustizzja naturali dak l-att amministrattiv ma ghandux jigi revokat jew varjat. Huwa fil-kuntest tal-principji appena enuncjati li ghandha tigi kkunsidrata t-talba tar-Rikorrent ghar-revoka tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li ma tirregistrax il-*mini bus* uzat minnu akkwistat importat Malta u konsegwentement li ma tillicenzjahx ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Fi Frar ta' l-2005 ir-Rikorrent ftiehem ma' certu George Mangion li jakkwista minghandu l-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279[8];
- Bejn l-1991 u l-1999 l-imsemmi *mini bus* kien mizmum taht il-kustodja tal-Pulizija fil-compound taghha f'St. Andrews u George Mangion seta' jottjeni u fil-fatt

[7] Administrative Law – H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition Chap.2 pg. 29 &30.
[8] Paragrafu 3 tar-Rikors promotur.

ottjena r-registrazzjoni tal-vettura fuq ismu biss wara s-sentenza fl-ismijiet "George Mangion v. Emanuel Borg" pronuncjata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju 1997[9];

• Ir-registrazzjoni tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 f'isem George Mangion giet effettwata fit-18 ta' Frar 2005[10];

• Meta r-Rikorrent lahaq ftehim ma' Mangion dwar l-akkwist tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 izda qabel ma effettivament hallsu l-prezz miftiehem ghall-akkwist, huwa ghamel il-verifiki necessarji ma' l-Awtorità kompetenti, dak iz-zmien l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta, sabiex jaccerta ruhu li kollox kien sew u li dak il-*mini bus* seta' jigi trasferit f'ismu u licenzat ghall-garr ta' passiggieri[11];

• Ir-Rikorrent kien gie infurmat li mill-file relattiv ghall-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 ma kienx jidher li kien hemm problemi biex isir it-trasferiment minn fuq isem George Mangion ghal fuq imsu izda, mill-lat tekniku l-vettura ma setghetx tintuza ghall-garr ta' passiggieri minhabba li ma kenitx fi stat tajjeb. L-alternattiva li kellu r-Rikorrent kienet illi jirrimpjazza dak il-*mini bus* b'vettura gdida jew inkella b'vettura wzata basta li ma jkollhiex iktar minn hames snin[12];

• Fid-dawl ta' dan il-fatt ir-Rikorrent akkwista *mini bus* uzat minn barra w importah Malta biex jirrimpjazza l-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 li kien akkwista minghand George Mangion;

• Il-*mini bus* importat mir-Rikorrent gie manifatturat fl-2003 u l-*first registration* fir-Renju Unit kienet fl-10 ta' April 2003 u gie importat Malta fis-6 ta' Lulju 2007[13] (Dok. "CM1");

• Mal-wasla tal-*mini bus* minn barra r-Rikorrent rega' mar ghand l-Awtorità biex jara jekk din il-vettura kenitx idoneja ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri u gie infurmat li ghajr ghal xi affarijiet zghar il-*mini bus* kien konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet mehtiega biex vettura wzata tigi

[9] Paragrafu 5 tar-Rikors promotur.
[10] Paragrafu 7 tar-Rikors promotur.
[11] Xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011, fol. 21 sa' 24 tal-process.
[12] *Ibid.*
[13] Dok. "CM1" a fol. 14 sa' 20 tal-process.

licenzata ghall-garr ta' passiggieri. Beda jesegwixxi x-xoghol necessarju fuq il-*mini bus* biex igibu kompletament konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet mehtiega w eventwalment rega' mar l-Awtorità biex jigbor id-dokumenti necessarji ghat-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279, li fil-frattemp inbidel ghal HMY-279, minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu u ghar-registrazzjoni tal-*mini bus* l-iehor b’dan l-istess Numru ta’ Registrazzjoni, izda gie infurmat li dan ma setghax isir ghaliex it-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 (issa HMY-279) minn fuq isem George Mangion ghal fuq isem terzi gie temporanjament mizmum b'Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet “Alfred Pisani v. George Mangion u Direttur Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet"[14];

- Il-process ghat-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 u l-konsegwenti registrazzjoni tal-*mini bus* importat mir-Rikorrent kellu ghalhekk jigi sospiz pendenti l-ezitu tal-proceduri konsegwenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Alfred Pisani v. George Mangion et" bic-Citaz. Nru. 523/05;
- Dawn il-proceduri gew decizi b'ezitu favorevoli ghal George Mangion b'sentenza pronuncjata fis-26 ta’ Frar 2009, liema sentenza ma gietx appellata[15];
- Meta in segwitu ghal dik is-sentenza r-Rikorrent rega’ mar ghand l-Awtorità intimata biex jeffettwa t-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni HMY-279 minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu u konsegwentement jirregistra l-*mini bus* uzat li kien akkwista w importa Malta, gie infurmat li dan l-ahhar *mini bus* ma kienx konformi mar-regolamenti vigenti dak iz-zmien, u senjatament li kellu iktar minn hames snin, u ghalhekk ma setghax jigi registrat u konsegwentement licenzat ghall-uzu ghall-garr ta’ passiggieri hawn Malta[16];
- Ghalkemm fit-2 ta’ Settembru 2009 ir-Rikorrent ressaq talba formali bil-miktub lill-Awtorità intimata biex jigu kkunsidrati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu u l-*mini bus* uzat minnu akkwistat u importat Malta jigi

[14] Xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-11 ta’ April 2011, fol. 21 sa’ 24 tal-process.
[15] Paragrafu 12 tar-Rikors promotur.
[16] Xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-11 ta’ April 2011, fol. 21 sa’ 24 tal-process.

registrat u konsegwentement licenzat ghall-uzu ghall-garr ta’ passigieri hawn Malta, din it-talba giet michuda mill-Awtorità intimata b’ittra datata 16 ta’ Ottubru 2009[17];

• L-Awtorità intimata zammet ferma l-posizzjoni taghha u dana anke wara li permezz ta’ Protest Giudizzjarju giet interpellata mir-Rikorrent biex tawtorizza r-registrazzjoni tal-*mini bus* uzat minnu akkwistat u importat Malta ghall-uzu ghall-garr ta’ passiggieri hawn Malta[18].

Ir-Rikorrent jikkontesta d-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata essenzjalment in bazi ghal erba’ ragunijiet:

1. Illi l-Awtorità intimata, bi vjolazzjoni tal-principju tan-non retroattività tal-Ligi, applikat ghat-talba tieghu ghar-registrazzjoni tal-*mini bus* minnu akkwistat u importat Malta u konsegwenti licenzjar ta' dik il-vettura ghall-garr ta' passiggieri hawn Malta avvanzata fi Frar 2009, Regolamenti introdotti f’Mejju 2009 bl-Avviz Legali 149 ta’ l-2009[19];
2. Illi ma ghandux jigi ppregudikat minhabba fatti li sehhew illi kienu ‘l hinn mill-kontroll tieghu w in partikolari minhabba t-trapass taz-zmien sakemm gew decizi l-proceduri fl-ismijiet “Alfred Pisani v. George Mangion et” Citaz. Nru. 523/05 u b'hekk tnehha l-Mandat ta' Inibizzjoni li kien qed izomm it-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru ta' Registrazzjoni Y-2279, in segwitu HMY 279, minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu[20];
3. Illi fi kwalunkwe kaz, ghalkemm il-*mini bus* minnu akkwistat u importat Malta gie manifatturat fl-2003, dan kienu ilu biss sentejn registrat qabel ma akkwistah u importah Malta u kellu madwar 30,000 mil u kien u baqa' f’kundizzjoni tajba hafna ghaliex tul iz-zmien li kien ilu fil-pussess tieghu dejjem inzamm maghluq go garage. B'hekk mill-aspett tekniku ma hemmx raguni ghalfejn ma ghandux jitqies li jikkonforma ma’ l-ispecifikazzjonijiet mehtiega fil-Ligi u konsegwentement li jigi registrat u

[17] Dok. “VMP1” a fol. 27 tal-process.
[18] Paragrafu 18 tar-Rikors promotur.
[19] Paragrafu 14 tar-Rikors promotur.
[20] Paragrafu 16 tar-Rikors promotur.

licenzat ghall-uzu hawn Malta ghall-garr ta' passiggieri[21]; u

4. Illi hija *policy* attwali ta' l-Awtorità intimata li meta tigi importata vettura wzata bl-iskop li tintuza ghall-garr ta' passigieri hawn Malta, ghall-finijiet ta' registrazzjoni d-data li tittiehed in konsiderazzjoni hija d-data meta l-vettura tigi importata u mhux id-data meta ssir it-talba ghar-registrazzjoni ta' l-istess[22].

Wara li qies l-provi kollha prodotti mill-partijiet kontendenti t-Tribunal hu tal-fehma li minkejja c-cirkostanzi ferm partikolari ta' dan il-kaz, id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li ma tirregistrax il-*mini bus* uzat akkwistat u importat Malta mir-Rikorrent u konsegwentement li ma tillicenzjahx ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri, hija wahda legali u ttiehdet b'mod validu w in konformità mal-Ligi. Konsegwentement ghalhekk id-decizjoni in kwistjoni ma ghandhiex tigi revokata jew b'xi mod varjata.

Ghalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li l-Awtorità intimata applikat ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, partikolarment ir-Regolament 28, li dahlu fis-sehh fid-19 ta' Mejju 2009, b'mod retroattiv ghat-talba tieghu avvanzata fi Frar 2009, din il-kontestazzjoni ma tirrizultax debitament ikkonfermata mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri.

F'dan ir-rigward ir-Rikorrent xehed illi *l-proceduri bejn Alfred Pisani u George Mangion inqatghu fl-2009 b'ezitu favorevoli ghal George Mangion. Ghalhekk jiena ergajt mort lura l-ADT biex nibda procedura ghar-registrazzjoni u transfer ta' din il-vettura. Ergajt kellimt lil Vincent Micallef Pulè li dak iz-zmien kien lahaq manager minflok Joe Caruana u talabni nehodlu kopja ta' sentenza ta' bejn Mangion u Pisani. Jiena hekk ghamilt u fil-fatt tani karta biex immur il-licensing ghar-registrazzjoni. Madanakollu kif wasalt fit-tieqa ghal darb' ohra qaluli li ma stajtx nohrog il-vettura u meta staqsejthom ghaliex qaluli li rega' ried ikellimni Pulè. Jiena mal-ewwel cempiltlu u staqsejtu*

[21] Paragrafu 15 tar-Rikors promotur.
[22] Paragrafu 23 tar-Rikors promotur.

*x'gara u qalli li l-vettura ma stajtx nirregistraha minhabba li kienu ghaddew aktar minn hames snin fuqha. Jiena spiegajtlu li fil-frattemp il-vettura kienet baqghet dejjem gewwa u obdejt l-ordni tal-Qorti. Kien qalli biex naghmillu ittra fejn nitlob forma ta' eccezzjoni peress li l-kaz tieghi kien veru halli minkejja li ghaddew il-hames snin il-vettura tkun tista' tigi registrata u jsir it-transfer tan-numri. Jiena l-ittra ghamiltha kif mitlub u suppost kellha ssir laqgha bejn l-avukat tieghi u l-Awtorità izda l-laqgha baqghet ma saritx u jiena ghalhekk kont kostrett niftah dawn il-proceduri*[23]*.*

Ghalkemm b'din ix-xhieda r-Rikorrent jipprova jaghti ad intendere li huwa avvanza t-talba tieghu ma' l-Awtorità intimata ghar-registrazzjoni u konsegwenti licenzjar tal-*mini bus* in kwistjoni ghall-garr ta' passiggieri hekk kif is-sentenza fl-ismijiet "Alfred Pisani v. George Mangion et" ghaddiet in gudikat u qabel id-dhul fis-sehh tar-Regolamenti introdotti bl-Avviz Legali 149 ta' l-2009, it-Tribunal serjament jiddubita li dan huwa minnu.

Ghalkemm ir-Rikorrent jishaqq fuq il-pass mghaggel ta' kif sehhew l-affarijiet minn meta rega' mar biex jirregistra u jillicenzja l-*mini bus* in kwistjoni wara s-sentenza sa' meta l-Awtorità intimata rrifjutat li tirrikonsidra l-posizzjoni taghha li ma tirregistrax u ma tillicenzjax il-*mini bus* in kwistjoni, jirrizulta li l-ittra tar-Rikorrent lill-Awtorità intimata minnu imsemmija fix-xhieda tieghu inbghatet fit-**2 ta' Settembru 2009**[24]**,** ossia diversi xhur wara li s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili saret finali u konklussiva. Ma huwiex affattu kredibbli li ittra tant importanti ghall-finijiet tar-Rikorrent inbaghtet diversi xhur wara li avvanza t-talba tieghu ma' l-Awtorità intimata ghar-registrazzjoni u konsegwenti licenzjar tal-*mini bus* in kwistjoni ghall-garr ta' passiggieri. Il-probabilità hi li r-Rikorrent ma avvanzax it-talba tieghu fi Frar 2009 jew hekk kif is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili saret finali u konklussiva, izda avvanzaha zmien wara u probabilment addirittura wara li dahlu fis-sehh ir-Regolamenti introdotti bl-Avviz Legali 149 ta' l-2009, bil-konsegwenza li l-Awtorità intimata

---

[23] Seduta tal-11 ta' April 2011 fol. 21 sa' 24 tal-process.
[24] Vide Dok. "VMP1" a fol. 27 tal-process.

gustament applikat dawk ir-Regolamenti fil-konfront tar-Rikorrent.

Anke kieku stess ir-Rikorrent verament mar biex jirregistra l-*mini bus* uzat minnu akkwistat u importat Malta qabel id-dhul fis-sehh tar-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri, id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata li tichad it-talba tieghu ghar-registrazzjoni tal-vettura u ghall-konsegwenti hrug ta' licenza ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri, tibqa' fi kwalunkwe kaz wahda korretta fid-dawl tal-*policy* li kienet vigenti dak iz-zmien u tirregola r-registrazzjoni u konsegwenti licenzjar ta' vetturi wzati intizi ghall-garr ta' passiggieri.

Il-policy in kwistjoni – li jidher li dahlet fis-sehh fit-23 ta' Awwissu 2000[25] – kienet tipprovdi *inter alia* li *when replacing a vehicle, only vehicles that are newer than the replaced may be used for service and the vehicle must be not older than 5 years from date of first registration*. Ir-Rikorrent kien a konoxxenza ta' din il-policy u dana johrog car mix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011[26], fejn qal li *meta George Mangion qalli hekk jiena mort il-Hall B tal-licensing department, il-persuna li kellmitni gabet il-file u qaltli li minn naha taghhom kollox kien sew u l-vettura setghat tintuza. Madanakollu qalli biex naghmel il-verifiki wkoll mat-technical department ta' dak iz-zmien l-ADT. Jiena kellimt lill-manager Lino Abela u qalli li kien hemm problema biex din il-vettura tohrog fit-triq. Fil-fatt huwa qalli li hemm problema biex din il-vettura tohrog fit-triq. <u>Fil-fatt huwa qalli li jiena kelli nirrimpjazza din l-istess vettura jew b'mini van gdid jew inkella b'mini van second hand basta li ma kellux aktar minn hames snin u dana skond il-policy li kienet fis-sehh dak iz-zmien[27]</u>. Id-diffikultà kienet proprju minhabba l-istat ta' din l-mini van billi l-istat ma kienx tajjeb ghaliex kif spjegajt dam fil-compound mill-1991 sa' l-1999 … qed nigi mistoqsi jekk fiz-zmien meta kont ser nimporta l-mini van mill-Ingilterra biex nirrimpjazza l-mini van l-iehor li kont xtrajt minghand*

[25] Vide xhieda ta' Vincent Micallef Pulè moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 u Dok. "VMP2" a fol. 36 tal-process.
[26] Fol. 21 sa' 24 tal-process.
[27] Sottolinear tat-Tribunal.

*George Mangion kontx naf li l-policy kienet li l-mini van li kelli nimporta ma kellux ikollu aktar minn hames snin, nghid li iva l-policy kienet f'dak is-sens u kien ghalhekk li jiena fil-fatt gibtu ghal inqas minn hames snin*[28].

Mill-UK Registration Certificate tal-*mini bus* uzat akkwistat mir-Rikorrent u importat Malta[29] jirrizulta li l-***first registration*** tal-vettura kienet fl-**10 ta' April 2003** u d-***declared date of manufacture*** ukoll kienet fl-**2003**. B'hekk jirrizulta evidenti li fl-2009 – anke jekk fi Frar ta' l-2009 kif affermat mir-Rikorrent – meta r-Rikorrent mar biex jirregistra il-*mini bus* u konsegwentement jottjeni l-licenza ghall-uzu taghha hawn Malta ghall-garr ta' passiggieri, kienu ghaddew iktar minn hames snin mid-data tal-*first registration* tal-vettura skond il-*policy* fis-sehh sad-19 ta' Mejju 2009. Konsegwentement ghalhekk l-Awtorità intimata ma setghetx ghajr li tichad it-talba tar-Rikorrent ghaliex il-*mini bus* in kwistjoni ma kienx konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet rikjesti biex vettura uzata tintuza hawn Malta ghall-garr ta' passiggieri.

Ir-Rikorrent jikkontendi li hu ma ghandux jigi ppregudikat minhabba l-fatt li, ghal ebda tort tieghu, ma setghax jirregistra l-*mini bus* minnu importata fl-2007 qabel id-determinazzjoni tal-proceduri pendenti bejn Alfred Pisani u George Mangion u d-Direttur tal-Licenzji dwar il-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279, illum HMY-279, u t-tnehhija tal-Mandat ta' Inibizzjoni ottenut minn Pisani kontra Mangion. Jippretendi ghalhekk li ladarba fl-2007 il-*mini bus* minnu importat kien konformi ma' l-ispecifikazzjoni tal-hames snin, tali fatt kellu jibqa' rilevanti u jorbot ghat-talba minnu maghmula fl-2009 ghar-registrazzjoni ta' l-istess *mini bus* u konsegwenti hrug ta' licenza ghall-uzu hawn Malta ghall-garr ta' passiggieri.

Ghalkemm huwa minnu li r-Rikorrent ma kienx involut b'mod dirett fil-kwistjoni li inqalghet bejn Alfred Pisani u George Mangion dwar il-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279, illum HMY-279, fid-dawl ta' certa rizultanzi fattwali li johorgu mill-provi prodotti mir-Rikorrent

---

[28] Sottolinear tat-Tribunal.
[29] Fol. 15 sa' 17 tal-process.

stess it-Tribunal huwa tal-fehma li l-pretensjoni tieghu ma tistax u ma ghandhiex tigi milqugha.

Mir-Rikors promotur u mix-xhieda li ta r-Rikorrent waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011, jirrizulta li huwa lahaq ftehim ma' George Mangion dwar l-akkwist tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 fis-**26 ta' Frar 2005**. Qabel ma gie finalizzat il-ftehim ta' bejniethom u qabel ma hallas lil Mangion ghall-imsemmija vettura, ir-Rikorrent ivverifika ma' l-awtorità kompetenti jekk kienx hemm problemi fir-rigward tat-trasferiment. Dak iz-zmien l-unika kwistjoni li kien hemm kienet l-istat tal-*mini bus* tant illi gie suggerit lir-Rikorrent biex jirrimpjazza dik il-vettura b' vettura ohra gdida jew uzata basta li ma jkollhiex iktar minn hames snin. Ir-Rikorrent effettivament ghazel li jirrimpjazza l-vettura li kien ser jakkwista minghand Mangion b'vettura wzata u fis-**6 ta' Lulju 2007** huwa importa l-*mini bus* meritu tal-kontestazzjoni odjerna. Meta ma' l-importazzjoni ta' dik il-vettura mar biex jirregistraha gie nfurmat li l-process ma setghax jitkompla ghaliex it-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu ma setghax jigi effettwat minhabba Mandat ta' Inibizzjoni mahrug minn Alfred Pisani. Dan il-Mandat ta' Inibizzjoni gie notifikat lill-Awtorità intimata – jew ahjar l-awtorità kompetenti dak iz-zmien – fid-**19 ta' Mejju 2005**.

Minn dawn il-fatti jirrizulta immedjatament evidenti li r-Rikorret akkwista w importa l-*mini bus* meritu tal-kontestazzjoni iktar minn sentejn wara li kien ftiehem ma' Mangion u li kien ghamel il-verifiki tieghu ma' l-Awtorità kompetenti, u meta mar biex jirregistrah kien lahaq inhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub minn Alfred Pisani w inbdew il-proceduri giudizzjajri relattivi. Dawn il-fatti jwasslu lit-Tribunal biex jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet: (i) illi r-Rikorrent kien jaf bil-Mandat ta' Inibizzjoni u bil-proceduri pendenti bejn Pisani u Mangion izda ghazel li jiehu riskju u fl-2007 importa vettura wzata li kellha *first registration* fl-10 ta' April 2003, bil-konsegwenza però li l-proceduri gew determinati kwazi sentejn wara li importaha u b'hekk fiz-zmien meta seta' jirregistraha gie li kien in vjolazzjoni tal-*policy* ta' l-Awtorità

dwar l-uzu ta' vetturi wzati ghall-garr ta' passiggieri*;* jew (ii) illi r-Rikorrent ma kienx jaf b'dan il-Mandat ta' Inibizzjoni u bil-proceduri giudizzjarji relattivi ghaliex George Mangion – li sa' dak iz-zmien kien ghadu ma ttrasferiex il-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 lir-Rikorrent[30] – ma qallu xejn u ma nfurmahx bil-problema li kien hemm dwar it-trasferiment. Entrambe dawn il-konsiderazzjonijiet ghandhom fattur komuni: l-Awtorità intimata ma hi bl-ebda mod responsabbli ghas-sitwazzjoni kif zvolgiet fil-konfront tar-Rikorrent u ma naqsitx minn xi obbligu taghha fil-konfront ta' l-istess Rikorrent.

Ghalkemm ir-Rikorrent donnu jimplika li gie zgwiedat mill-Awtorità intimata ghaliex meta mar jivverifika dwar it-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu gie infurmat li skont dak li irrizulta mill-file min-naha ta' l-Awtorità *kollox kien sew*, dak minnu implikat ma jirrizultax bhala fatt ippruvat.

Waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011 ir-Rikorrent xehed illi *meta nqaghtet il-kawza* [mhux il-kawza bin-Numru tac-Citazzjoni 523/05 imma kawza ohra li kellu Mangion]*, kont avvicinajt lil dan George Mangion biex nakkwista dan il-mini van u fil-fatt kien accetta u tani l-log book il-gdid ta' dan il-mini van u anki kien qalli biex immur niccekkja jekk kollox kienx sew biex inkun nista' nuza dan il-mini van imbaghad jiena nhallsu ghall-istess. Meta George Mangion qalli hekk jiena mort il-Hall B tal-licensing department, il-persuna li kellmitni gabet il-file u qaltli li min-naha taghhom kollox kien sew u l-vettura setghet tintuza.* Mir-Rikors promotur jirrizulta li r-Rikorrent lahaq ftehim ma' George Mangion dwar l-akkwist tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 fis-**26 ta' Frar 2005** u mid-dokument Dok. "VMP1" esebit minn Vincent Micallef Pulè a fol. 27 tal-process jirrizulta li l-Awtorità gie notifikata bil-Mandat ta' Inibizzjoni ottenut minn Alfred Pisani fid-**19 ta' Mejju 2005**, b'hekk isewgi li fiz-zmien meta mar jaghmel il-verifiki ma' l-Awtorità dwar it-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-

[30] Xhieda ta' George Mangion moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2011, fol. 25 tal-process.

2279 verament ma kienx hemm ostakoli ghat-trasferiment u l-unika kwistjoni li kien hemm kienet mill-lat tekniku minhabba l-istat tal-*mini bus*, kwistjoni mgharrfa lil u rikonoxxuta mir-Rikorrent.

Jigi in oltre osservat li meta l-Awtorità giet notifikata bil-Mandat ta’ Inibizzjoni ottenut minn Alfred Pisani li effettivament inibixxa t-trasferiment tal-*mini bus* bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 minn George Mangion a favur terzi, hi ma kellhiex xi obbligu fil-konfront tar-Rikorrent li tinfurmah b’dak l-ordni ta’ inibizzjoni ghaliex dan l-obbligu se mai kien tal-persuna ma’ min kien qed jinnegozja jew ahjar ma' min lahaq il-ftehim ir-Rikorrent, ossia George Mangion. L-involviment ta’ l-Awtorità huwa biss wiehed purament amministrattiv u cioe li eventwalment tirrikonoxxi u tippermetti t-trasferiment tal-vettura minn fuq is-sid attwali taghha ghal fuq terza persuna.

Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll li siccome l-*mini bus* minnu importat fis-6 ta’ Lulju 2007 baqa’ tul il-perijodu kollu li ma setghax jigi wtilizzat maghluq go garage ma jintuzax, dan ghadu f’kundizzjoni tajba hafna u ghalhekk irrispettivament mill-fatt li ghaddew iktar minn hames snin mis-sena tal-manifattura tieghu u mid-data tal-*first registration* xorta jista’ u ghandu jigi awtorizzat u licenzat ghall-uzu ghall-garr ta’ passiggieri. Din il-pretensjoni tar-Rikorrent pero ma tistax tigi milqugha ghaliex dak li qed jitlob biha, kemm minn dan it-Tribunal kif ukoll mill-Awtorità intimata, huwa li jaghtu decizjoni li tmur ghal kollox kontra sia l-*policy* ta’ l-Awtorità li kienet applikabbli sad-19 ta’ Mejju 2009 kif ukoll ir-Regolamenti li dahlu fis-sehh fid-19 ta’ Mejju 2009 u ghadhom vigenti sa' llum. Dan naturlament ma jistax isir ghaliex kemm l-Awtorità intimata kif ukoll it-Tribunal ghandhom l-obbligu li jaraw li l-Ligi tigi osservata minn kulhadd. Apparte minhekk u fi kwalunke kaz ma ngabet ebda prova li b'xi mod tiossostanzja dak affermat mir-Rikorrent fil-paragrafu 15 tar-Rikors promotur.

In fine jigi osservat li l-kontestazzjoni tar-Rikorrent li d-data rilevanti ghall-finijiet tal-kalkolu tal-hames snin ai

termini kemm tal-*policy* kif ukoll tar-Regolamenti li bihom hija marbuta l-Awtorità intimata hija d-data ta' l-importazzjoni tal-vettura u dana irrispettivament minn meta ssir t-talba ghar-registrazzjoni ta' dik il-vettura, ukoll irrizultat ghal kollox infondata stante li mix-xhieda ta' Brian Farrugia moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011 jirrizulta li b'effett mis-sena 2009, ossia s-sena meta r-Rikorrent talab ghar-registrazzjoni tal-vettura minnu importata Malta, lil hawn *meta vettura tigi registrata, il-licenzja tohrog mid-data tar-registrazzjoni li jkollha validita ta' sena.* Huwa minnu li fis-sena 2007 il-licenza kienet tohorg b'effett mid-data ta' l-importazzjoni u mhux mid-data tar-registrazzjoni izda l-Awtorità intimata necessarjament kellha tapplika fil-konfront tar-Rikorrent il-*policy* applikabbli fiz-zmien meta ghamel it-talba tieghu ghar-registrazzjoni tal-vettura, ossia l-*policy* applikabbli fl-2009, u mhux xi *policy* precedenti li kienet tapplika izda li ma kenitx ghadha iktar in vigore. F'dan il-kaz ukoll il-pretensjoni tar-Rikorrent tirrikjedi minghand l-Awtorità intimata agir u decizjonijiet li ma jkunux ibbazati fuq u in konformità ma' *policies* u Regolamenti attwalment in vigore.

Minn dan kollu osservat jsegwi li l-Awtorità intimata agixxiet fil-konfront tar-Rikorrent skond il-*policies* u/jew Regolamenti vigenti fiz-zmien meta mar biex jirregistra u jillicenza ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri l-*mini bus* minnu akkwistat u importat Malta fis-6 ta' Lulju 2007 u ghalhekk ma tissussisti ebda raguni li ghandha twassal lil dan it-Tribunal biex jirrevoka jew b' xi mod ivarja d-decizjoni li l-Awtorità intimata hadet fil-konfront tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorità intimata u jichad l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------